**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar 2022**

**<u>Rikors nru : 503/2021 fl-ismijiet;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 25 ta' Ottubru 2021 fejn espona bir-rispett illi ;**

1. Illi l-parijiet zzewwgu fit- 28 ta' Settembru 1991 kif jirrizulta mil-anness certifikat taz-zwieg, immarkat Dok. A;
2. Illi l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt ta' seperazzjoni ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Dr. Naomi Micallef Mugliette fid- 9 ta' Mejju 2007, u m 'ghadx hemm obbligi reciproki ta' manteniment jew pendenzi ohra li ghandhom jigu inforzzati, liema kuntratt qed jigi anness, u mmarkat Dok. B;

**3.** Illi l-partijiet jghixu hajja seperata minn xulxin mis-sena 2006 sal-lum u cjoe' madwar hmistax-il sena;

**4.** Illi ma hemmx tfal minorrenni jew dipendenti fuq ir-rikorrenti.

**5.** Illi ma hemmx dubju liz-zwieg taghhom mhux rekuperabbli u ma hemm ebda prospettiva regenevoli li l-partijiet jerghu jirrikonciljaw u kull wiehed minnhom, jghixu hajja totalment seperata minn xulxin, u huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin;

**6.** Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha skont l-artikolu 66 B tal-kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta, sabiex il-partijiet, jottjenu id-divorzju bejniethom;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti javza lid-direttur rar-registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku.

Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-parijiet.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' CD datata 22 ta' Dicembru 2021 li esponiet br-rispett;**

1. Illi huwa minnu illi l-partijiet zzewwgu fit-28 ta' Settembru 1991, kif jirrizulta mic-certifikat anness mar-rikors promutur u immarkat A;

2. Illi huwa minnu li l-kontendenti ssperaw fid- 9 ta' Mejju 2007, liema kuntratt gie pprezentata mar-rikors promutur, bl-ittra B;

3. L-esponenti taqbel li ma hemmx ebda prospett ghar-rikonciljazzjoni u jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

4. L-esponenti tikkonferma li ma hemmx kwistjonijiet bejn il-partijiet, riwgard manteniment pendenti u lanqas arretrati;

5. L-esponenti umilment tissotometti li in vista tal-fatt lit-talba tal-hall taz-zwieg saret mir-rikorrenti AB l-ispejjez ta' dil-procedura ghandhom jigu addossati minnu;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex tilqa' it-talbiet tal-esponenti sabiex iz-zwieg tal-kontendenti jigi mahlul b' dan li l-ispejjez ta' dil-procedura ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**